MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 202/2014

**Charles Grech & Company Limited**

**(C 2473)**

**vs**

**Clint Micallef (ID 157577M) u**

**Vanessa Azzopardi (ID 278769M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Gunju 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta' elfejn disgha mija u tmintax-il Euro u erbghatax-il

centezmu (€2,918.14) rappresentanti bejgh ta’ prodotti u ekanzija mibjugha u kkkonsenjati lid-debituri. kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-oghla rata ta’ imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimata Vanessa Azzopardi fit 23 ta’ Gunju 2014 (fol 4 tergo) filwaqt illi l-intimat deher fil-Qorti fis 7 ta’ Llulju 2014 u ta’ ruhu notifikat bl-Avviz u s-smigh tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tas 7 ta’ Lulju 2014 l-intimat talbu illi jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Rat illi fis-seduta tas 17 ta’ Novembruy 2014, wara illi l-intimati baqghu ma ippresentawx l-eccezzjonijet taghhom, l-istess intimate bil-gurament ikkonfermaw illi l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti huwa attwalment dovut minnhom u talbu lill-Qorti sabiex tipprocedi ghas-sentenza abbazi ta’ tali ammissjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni ta’ l-intimati Clint Micallef u Vanessa Azzopardi moghtija bil-gurament quddiem il-Qorti, issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti in soldium bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn disgha mija u tmintax-il Euro u erbghatax-il centezmu (€2,918.14) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------